MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 834/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**VS**

**NEIL CAMILLERI**
**DAVID ARMENI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Neil Camilleri, ta' 21 sena, bin George u Isabella nee' Falzon, imwieled gewwa tal-Pieta', nhar is-17 ta' Gunju, 1985, residenti fil-fond numru 64, Belgaz, Triq Wenzu Gafa', Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 324985 (M);
U David Armeni, ta' 30 sena, bin Anthony u Maria Stella nee' Debono, imwieled gewwa tal-Pieta', nhar it-2 ta' Mejju, 1976, residenti fil-fond imsejjah Springvale, Flat 1, Triq Hail, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 239876 (M);

1. Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet fix-xahar ta' Marzu, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama, jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu ta' V&C Contractors Limited, tal-Mosta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkonstanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fil-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn att, ktiba, jew skrittura falza;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

5. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi psersuna ohra jew iggib utli;

6. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7. U kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu qliegh b'qerq ghad-dannu ta' V & C

Contractors Limited tal-Mosta, urew dan il-hsieb b'atti esterna u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 187(1),(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati Neil Camilleri u David Armeni hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------